MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Numru 65/2010

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Branco Fenech

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 18787M, akkuzat talli nhar it-8 ta’ Jannar 2010 u fil-granet ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccediex €2329.37 (elfejn tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro u seba’ u

tlettin centezmu) u bil-lok u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-akkuzat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza kontra l-akkuzat hi ta' ricettazzjoni.

Hemm l-ammissjoni tal-akkuzat li hi wahda volontarja u inkondizjonata li l-akkuzat insista fuqha.

Rat ghaldaqstant l-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor punibbli bi prigunerija f'dan il-perjodu opperattiv.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------